



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 105/23

Il-Lussemburgu, 21 ta' Ġunju 2023

Digriet tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-628/22 | Repasi vs Il-Kummissjoni

Tassonomija: il-Qorti Ġenerali tiċħad bħala inammissibbli r-rikors ta' Membru tal-Parlament Ewropew kontra r-Regolament tal-Kummissjoni dwar in-natura sostenibbli ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-gass fossili u mal-enerġija nukleari

B'differenza mill-Parlament Ewropew, il-Membri individwali tiegħu ma jistgħux jikkontestaw tali att

Fit-18 ta' Ġunju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw ir-Regolament 2020/852 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli ¹. Dan ir-regolament jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika għandhiex titqies li hija sostenibbli minn perspettiva ambjentali, fid-dawl tad-diversi għanijiet ambjentali ddefiniti fih. Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima huwa wieħed minn dawn l-għanijiet ². Skont dan it-test, l-attivitajiet ekonomiċi tranżitorji, jiġifieri dawk li għalihom ma hemmx alternattivi teknoloġiċi u ekonomiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, jikkontribwixxu sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima meta jwasslu għan-newtralità klimatika, kemm-il darba jiġu osservati ċerti kriterji.

Kien f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament Delegat 2022/1214 ³ li jistabbilixxi l-kriterji ta' eżami tekniku biex jiġi ddeterminat taħt liema kundizzjonijiet ċerti attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-gass fossili u mal-enerġija nukleari jaqgħu taħt attivitajiet tranżitorji li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-għan ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Peress li qies li l-Kummissjoni kienet marret lil hinn mis-setgħa li tadotta atti ddelegati li ngħatatilha, René Repasi, Membru tal-Parlament Ewropew, adixxa lill-Qorti Ġenerali b'rikors għall-annullament ta' dan ir-regolament, filwaqt li sostna li dan tal-aħħar ippreġudika l-kompetenza leġiżlattiva tal-Parlament u, għaldaqstant, tad-drittijiet tiegħu bħala Membru tiegħu.

Fid-digriet tagħha, **il-Qorti Ġenerali tagħti għall-ewwel darba deċiżjoni dwar il-*locus standi* ta' Membru tal-Parlament kontra regolament delegat tal-Kummissjoni u tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli.**

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali tfakkar li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kwalunkwe persuna

¹ Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU 2020, L 198, p. 13).

² Artikoli 3 u 9 tar-Regolament 2020/852.

³ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214 tad 9 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija u r-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 fir-rigward ta' divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi (ĠU 2022, L 188, p. 1).

fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra att li tiegħu hija ma tkunx id-destinatarju meta l-att inkwistjoni jkun jikkonċernaha direttament u individwalment jew fil-każ ta' att regolatorju li jkun jikkonċernaha direttament u li ma jkunx jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni. Sabiex individwu jkun direttament ikkonċernat mill-att ikkontestat, għandhom jiġu ssodisfatti kumulattivament żewġ kriterji. Minn naħa, il-miżura kkontestata għandha tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tiegħu u, min-naħa l-oħra, hija ma għandha tħalli l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha.

Fir-rigward tal-kwalità tar-rikorrent sabiex jikkontesta r-Regolament Delegat 2022/1214, huwa minnu li mill-ġurisprudenza jirriżulta li att tal-Parlament li jaffettwa l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet parlamentari tal-Membri tiegħu huwa att li jaffettwa direttament is-sitwazzjoni legali tagħhom. Madankollu, il-Qorti Ġenerali tippreċiża li din il-ġurisprudenza tikkonċerna l-miżuri ta' organizzazzjoni interna tal-Parlament li jaffettwaw direttament lill-Membri tiegħu u ma tistax tiġi trasposta għall-każ ineżami, fejn id-drittijiet ta' dawn il-membri jistgħu jiġu affettwati biss b'mod indirett mill-allegat ksur tal-kompetenza leġislattiva tal-Parlament. Fil-fatt, **id-drittijiet kollha tar-rikorrent marbuta mal-eżerċizzju tal-kompetenza leġislattiva tal-Parlament**, bħad-dritt li jipparteċipa fi proċedura leġislattiva regolari, id-dritt għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-kompetenza u tal-proċedura, id-dritt li jiddefendi s-setgħat demokratiċi tal-Parlament kif ukoll id-drittijiet ta' vot, ta' inizjattiva u ta' parteċipazzjoni bl-għan li tiġi stabbilita influwenza politika, **huma intiżi li jiġu eżerċitati biss fil-kuntest tal-proċeduri interni tal-Parlament u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li huma direttament affettwati mill-adozzjoni tar-Regolament Delegat 2022/1214.**

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva wkoll li l-**prinċipji ta' demokrazija rappreżentattiva u ta' Stat tad-dritt** invokati mir-rikorrent insostenn tar-rikonossiment tal-*locus standi* tiegħu, **kif ukoll il-protezzjoni tal-bilanċ istituzzjonali u tad-dritt għall-protezzjoni ġuridika tal-minoranza, ma jistgħux idaħħlu inkwistjoni din il-konklużjoni peress li l-Parlament għandu dritt għal azzjoni legali kontra l-atti tad-dritt tal-Unjoni li jista' jiżgura l-osservanza ta' dawn il-prinċipji.** L-istess japplika għall-argumenti tar-rikorrent li l-Membri tal-Parlament għandhom ikunu direttament ikkonċernati mill-atti li jaffettwaw regoli ta' kompetenzi, mid-dispożizzjonijiet fundamentali tal-proċedura leġislattiva jew mill-atti li jikkostitwixxu użu ħażin ta' poter.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li r-rikorrent ma għandux *locus standi* sa fejn ma huwiex direttament ikkonċernat mir-Regolament Delegat 2022/1214.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!



Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Istampa u tal-Infurmazzjoni

curia.europa.eu